KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 43_25-03-09 V**

# MINUTI TAT-TIELET U ERBGĦIN SEDUTA

**It-tielet u erbgħin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużat:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:00 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 42_18/02/09**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Approvazzjoni tal-Budget 2009-2010**
7. **Approvazzjoni tal-*Quarterly report* u *Financial Indicator Report* (Ottubru-Diċembru 2008)**
8. **Aġġudikazzjoni tat-tender – *Maintenance of works***
9. **Analiżi u aġġudikazzjoni tat-tender – *EU Funding Services***
10. **Affarijiet oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 42_18/02/09.**

Is-sindku M. Arrigo ipproponiet li jiġu approvati l-minuti, il-kunsillier J. Galea issekonda. Il-kunsilliera M. Aquilina, M.A. Azzopardi, M. Briguglio, M. Debono, L. Vella approvaw il-minuti.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Is-sindku M. Arrigo rreferiet għal punt 3.1 ta' l-aħħar seduta dwar kemm ilhom jinġabru l-ħlasijiet ta' l-*iscaffolding*. Is-sindku kkonfermat li hi kompliet mal-proċedura kif sabitha filfatt uriet rapporti u ritratt li l-ħlasijiet għall-*iscaffolding* kienu ilhom jinġabru mit-2004.

2.2 Il-kunsillier M. Brigulgio staqsa kif bqajna dwar il-*local plans*. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li qegħda mal-lista tal-komunikazzjonijiet ta' din l-istess seduta.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kunsill ġie infurmat li għat-*tender* tad-dwalijiet fit-toroq amministrata mil-kumitat konġunt tad-dawl intefgħu l-offerti minn *Nexos Lighting* u *Mica Med Ltd.* Intqal li n-*Nexos Lighting* ma ġietx kwalifikata meta evalwaw t-*tender* minħabba l-fatt li ma kellhomx kampjuni kif kien mitlub. Il-kumitat konġunt qal li qabbad il-*contracts manager* biex janalizza xorta waħda r-rati taż-żewġ *tenders* minkejja l-fatt tan-Nexos ma kinitx kompluta. Fost affarijiet oħra ikkompara wkoll r-rati tal-*Mica Med Ltd* ma' dawk preżenti. Il-kumitat konġunt qabel li t-tender għandha tingħata lil Mica Med Ltd. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kunsill ġie mitlub li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan peress li hu parti mil-kumitat konġunt. Il-kunsillier L. Vella fakkar ukoll li l-kunsill kien diġa bagħat xi kundizzjoniet lill-kumitat konġunt fosthom li l-kunsill jorbot li jżomm il-kuntrattur mal-garanzija u li nżommu r-riserva fuq il-kuntratt il-ġdid. Il-kunsillier M. Debono ippropona li l-kunsill għandu jastjeni minn din id-deċiżjoni minħabba li kienet diġa ttieħdet mil-kumitat konġunt. Is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M.A. Azzopardi, M. Briguglio, J. Galea u L. Vella qablu b'mod unanimu ma' din il-proposta, filwaqt li għandna nibagħtu l-kummenti wkoll dwar il-garanzija tal-bozoz tat-*tender* preċendenti.

3.2 Is-sindku M. Arrigo ressqet korrispondenza minn residenta dwar kommunikazzjoni li kien bagħat il-kunsillier J. Galea dwar it-tabelli li hemm ta' l-*exhaust* fi Pjazza Annunzjata. Is-Sindku xtaqet tiċċara jekk din il-komunikazzjoni kienitx min-naħa tiegħu biss u mhux għan-nom tal-kunsill. Il-kunsillier J. Galea qal li din kitibha f'ismu biss u ma' involviex il-kunsill u kull ma xtaq jiċċara mar-residenti li ma jistgħux jaqalgħu ċitazzjonijiet minħabba li dawn huma biss tabelli informattivi.

Is-Sindku qalet li kienet diġa infurmat lill-uffiċċjal awtorizzat bil-miktub li f'dawn it-tabelli hemm il-kelma 'please' allura jiġu biss tabelli informattiva u l-gwardjani ma jistgħux jinfurzaw fuqhom. Is-sindku qalet filfatt li kien hemm min ġie l-kunsill joġġezzjona dwar ċitazzjoni li kien qala' fuq dawn it-tabelli u hi bagħtithom lill-uffiċċjal awtorizzat biex jiġu kkanċellati.

Għalkemm dawn it-tabelli mhumiex fil-kodiċi tas-sewqan, is-sindku infuramat li xorta staqsiet lill-Awtorita' Dwar it-Trasport. Sadanittant il-kunsill qabel li għandu jżomm mat-talba tar-residenti li filfatt kellna petizzjoni datata 26 Settembru 2007 mir-residenti stess. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-kunsill għandu jġib nota dwar dan is-suġġett fil-magazin li jmiss ħalli r-residenti jżommu l-ordni fl-istess ħin ikunu jafu li ma jistgħux jaqalgħu ċitazzjoni dwarha.

Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Briguglio qal li għandu diversi ilmenti dwar il-gwardjani lokali li ma jissorveljawx kullimkien bl-istess mod. Eżemju fi Triq Manwel Dimech u l-Kulleġġ l-Antik.

3.3 Risposta mill-Enemalta wara li l-kunsill kien talab biex jinxtgħel il-ġnien ta' Qui si sana. Is-segretarju eżekuttiv spjega li biex ikun jista jsir dan ix-xogħol mil-korporazzjoni Enemalta, il-kunsill irid jieħu ħsieb li jħallas għal kera tal-meter kif ukoll għall-konsum tad-dawl li jrid jitwaħħal minħabba l-*wiring* ħażin li hemm preżenti. Il-kunsill qabel ma dan kif ukoll li d-dwal jkunu ta' *energy saving.*

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fl-4.45pm fis-seduta.*

3.4 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-MUESEC għenu lill-kunsill biex jimlew l-applikazzjoni għall-proġett ta' Surmed wara li l-proġett ta' l-Interreg ma' kienx irnexxa fejn qalulna li l-applikazzjoni hija kreddibbli u jekk ikun il-każ inkunu nistgħu nibbenifikaw Euro 167,450 fejn il-kunsill irid joħroġ is-somma (*co-financing*) ta' Euro 29,555. Sadanittant il-kunsilliera M. A. Azzopardi għandha tibgħat xi stimi lis-segretarju eżekuttiv dwar *air monitoring.*

3.5 Korrispondenza mit-TCTC fejn staqsew jekk il-kunsill hux se jagħmel preżentazzjoni ta' ċertifikati tal-korsijiet li ngħataw tal-kompjuter. Il-kunsill ma qabilx minħabba li din id-darba kellna ħafna parteċipanti u qatt ma għamilna preżentazzjonijiet uffiċjali kull darba li għamilna l-korsijiet. Is-segretarju eżekuttiv informa b'kors ieħor li se jiġi organizzat mit-TCTC din id-darba għal tfal bejn il-5 u 10 snin bl-isem *e-tfal.* Il-kunsill qabel li għandna nagħmlu dan il-kors u naraw id-domanda li jkollna. Il-kunsill qabel ukoll li jġib avviż fuq il-magazin.

3.6 Talba mis-Soċjeta Mużikali San Girgor għall-attivitajiet bejn is-26 u t-28 ta' Ġunju, l-24 u s-26 ta' Lulju u t-28 u 30 t'Awissu, 2009 fi Ġnien Indipendenza. Il-kunsill qabel li għandhom isiru b'dawn il-kundizzjonijiet:

- Li jħallu l-post nadif kuljum
- Ma ssirx ħsara fil-Ġnien
- Ma jitilgħux fuq il-bejt tal-kamra tal-Ġnien
- Il-mużika ma tinżammx għolja u mhux iktar mil-Ħdax ta' filgħaxija
- Jekk waħda minn dawn id-dati taħbat f'xi festa oħra tas-Sliema/San Ġiljan trid tinbiddel id-data.
- Ma jinxterdux posters għal dawn l-attivitajiet fit-toroq
- F'każ li ma tinżammx waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet awtomatikament jiġu kkanċellati d-dati l-oħra.

3.7 Kellna talba mir-residenti sabiex jitwaħħlu żewġ *poles* tad-dawl għall-*bellisha lights* fi Triq it-Torri, waħda fejn id-Diplomat u l-oħra n-naħa tat-Torri. Dan għaliex fiż-żewġ *zebra crossings* hemm *pole* tad-dawl fuq naħa waħda biss. Il-kunsill sadanitant ġab stima mil-kuntrattur li jaħdmilna bħalissa li din tiswa Euro 1955.90 kull waħda. Il-kunsill ra' li din hija waħda għolja u qabel li jġib stima oħra mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet, mit-taqsima ta' *zebra crossings.* Il-kunsill għandu jipproċedi bix-xogħol fuq l-orħos stima.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bil-membri minn Sables d'Olonne li se jiġu Malta bejn it-2 u d-9 ta' Mejju, 2009. Il-kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li l-kunsill għandu jinqasam ftit billi jagħti s-sehem tiegħu u jdur ma' dawn il-membri. Bħala membri tal-kultura l-kunsilliera M. Aquilina u L.Vella flimkien mas-segretarju eżekuttiv għandhom jiltaqgħu nhar il-Ħamis 2 ta' April, 2009 f'nofs in-nhar il-kunsill sabiex jiddiskutu l-programm.

Is-segretarju eżekuttiv fakkar ukoll dwar is-seminar għall-kunsilli lokali dwar ġemellaġġi li kellu jsir mit-13 sal-15 ta' Mejju, 2009.

3.9 Talba mil-Awtorita' tat-Turiżmu biex tittella' attivita' mil-banda tan-Norveġja f'Għar Id-Dud quddiem l-ex Chalet f'Ġunju. Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni biex issir din l-attivita'.

3.10 Is-segretarju eżekuttiv reġa irrefera għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret fit-28 ta' Jannar, 2009 mal-Perit Bjorn Bonello dwar il-*local plans*. Il-kunsillier M. Briguglio qal li s-sur B. Bonello ~~kien qal li hu~~ jissuġġerixxi li fejn it-triq ikollha appoġġ għoli jkun hemm bżonn ta' *stepping down* fis-sulari. Fost affarijiet oħra s-Sur Bonello qal ukoll li wieħed irid jara l-wiesgħa, il-kategorizzazzjoni, il-klassifikazzjoni ta' kull triq kif ukoll il-protezzjoni tal-UCA. Is-segretarju eżekuttiv fakkar ukoll li fost il-kummenti tar-residenti kien hemm ukoll min hu favur l-iżvilupp. Is-segretarju eżekuttiv fakkar ukoll li l-kummenti kollha kienu diġa ntbagħtu lill-MEPA. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa nhar l-Erbgħa 1 ta' April, 2009 fl-4.30pm ħalli jkun jista janalizza punt punt tal-komunikazzjoni li kienet intbagħtet min-naħa tar-residenti sabiex jinħoloq dokument wieħed.

3.11 B'referenza għal punt 3.10 il-kunsillier M. Debono qal li wieħed irid ikollu *planning permit* biex ikun jista japplika għal UIF u sakemm tasal l-applikazzjoni jilħqu jgħaddu sentejn u jintilef iċ-ċans li tiggwadanja l-fondi. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv qal li kienet saret applikazzjoni permezz tal-perit tal-kunsill għall-fondi fir-rigward is-*Sliema Playing Fields*.

3.12 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bil-memo 12/2009 li kien irċieva dwar fond ta' ko-finanzjament li-l-kunsill jista jiggwadanja għall-proġetti taħt programmi tal-Unjoni Ewropea.

3.13 Il-kunsill ġie infurmat li se tinħareġ sejħa pubblika għas-servizz tal-*accountant*.

3.14 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti bil-memo 17/2009 dwar konferenzi Internazzjonali f'Malta. Il-kunsill qabel li preżentament mhux f'pożizzjoni li jkun parti minn din l-iskema.

3.15 Korrispondenza dwar proposta għall-proġett bil-kollaborazzjoni bejn il-Kopin u l-kunsill. Il-kunsill ma qabilx ma dan.

3.16 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-kunsilli lokali li kienet intbagħtet lill-kunsilliera bl-email, sabiex is-sindki kollha ta' l-Unjoni Ewropeja jingħaqdu favur l-ambjent (Covenant of Mayors). Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-minuti ta' l-AKL wara l-laqgħa għas-sindki fejn ingħaqdu s-sotto kumitati u l-AKL għan-nom tal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex li se tkun qegħda tissieħeb f'din l-iskema.

3.17 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati bi proposta sabiex ir-rotta bin-numru 60 tibqa għaddejja mit-toroq ta' Santa Marija u Manwel Dimech. Skond *site inspection* li saret mil-Public Transport Directorate se jkollu jintilef madwar tlettax-il spazju ta' parkeġġ minn Santa Marija u jiżdied bi ftit fi Triq San Ġakbu. Il-kunsillier M. Briguglio qal li rridu nikkunsidraw ukoll li b'hekk se jiżdied aktar il-pollution fi Triq Manwel Dimech.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.40pm*

Il-kunsill qabel li għandu jipprova jikkonvinċi lill-ADT biex ir-rotta tibqa għaddejja minn Santa Marija u minn Triq Manwel Dimech, mingħajr ma jintilfu dawk l-ispazji ta' parkeġġ kollha.

Sadanitant il-kunsillier L. Vella qal li għandha nkejjlu Triq Mrabat sabiex naraw il-wiesgħa tat-triq għaliex tal-linja jgħaddu minn hemm ukoll u allura ma' jistax jifhem id-diffikulta' biex jgħaddu minn triq Santa Marija.

3.18 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati bil-memo 11/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar proġetti pilota għat-tfassil ta' strateġija ta' żvilupp sostennibbli. Is-segretarju eżekuttiv informa li hu ssottometa l-applikazzjoni bl-informazzjoni dwar kemm jiswa lill-kunsill is-servizz tat-trasport ċirkulari biex jara din tapplikax.

3.19 Talba mis-Socjeta' ta' Stella Maris sabiex issir *carwash* fi Pjazza Annunzjata fil-11 ta' April, 2009. Is-Sindku M. Arrigo infurmat li kellha ilmenti minn xi residenti dwar l-ilma li qiegħed jitħalla quddiem il-bibien, il-ħoss ta' magna li jibda minn kmieni filgħodu u li qegħda ssir ta' spiss. Il-kunsillier L. Vella wieġeb li dawn l-attivijiet isiru darba fix-xahar, il-ħoss ta' magna huwa biss tal-*power wash* u li qegħda ssir bħala *fund raising.* Il-kunsill qabel li l-permess għandu jingħata mid-9am u jittieħdu biss żewġ spazji ta' parkeġġ.

3.20 Talba minn Simon's Pub għall-permess ta' attivita' b'risq l-*Eden Foundation* biex issir ġewwa l-pub stess bejn it-8 u l-10 ta' Mejju, 2009, fejn jagħlqu biċċa minn Triq Depiro. Il-kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita. Il-kunsill qabel ukoll li jagħti donazzjoni tiegħu ta' Euro 116.

3.21 Applikazzjoni bin-numru PA 5784/08 għal kiosk ġewwa Ġnien Indipendenza. Il-kunsill qabel li għandu jibgħat l-oġġezzjoni tiegħu dwar l-istruttura tal-*canopies* fissi.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata mis-seduta fil-5.54pm*

*Il-kunsillier J. Galea ġie skużat mis-seduta fil-5.56pm*

3.22 Is-segretarju eżekuttiv ressaq l-applikazzjoni bin-numru PA 6239/08 dwar demoluzzjoni u kostruzzjoni fi Triq il-Kurunell Savona li tagħha kien diġa bagħat korrispondenza lill-kunsilliera bl-email peress li d-*deadline* kienet tagħlaq qabel il-laqgħa tal-kunsil. Peress li l-maġġoranza tal-kunsilliera kienu bagħtu li huma kontra dan l-iżvilupp is-segretarju eżekuttiv bagħat l-oġġezzjoni tal-kunsill lill-MEPA. Is-segretarju eżekuttiv qal li kien qiegħed jerġa jressaq is-suġġett biex l-oġġezzjoni titniżżel fil-minuti.

*Il-kunsillier J. Galea daħal lura fis-6pm*

*Il-kunsilliera M. Azzopardi daħlet lura fis-6.03pm*

3.23 Il-kunsill ġie infurmat bi stima ppreżentata mill-ELC għal xogħol ta' tisbiħ flok iż-żewġ funtani li hemm ix-Xatt li ma jiffunzjonawx. Il-kunsilliera preżenti raw li l-istima ta' Euro 3763.91 kienet waħda għalja. Il-kunsill qabel li għandu jġib stima għal xogħol differenti ta' paving, fejn wara tista titpoġġa xi *pot* u tiġi mżejna b'mod differenti.

Il-kunsilliera M. Briguglio rrimarka li c-*central strip* ta' din l-area msemmija hija mkissra. Is-segretarju eżekuttiv wieġeb li din se tiġi rranġata.

3.24 L-applikazzjoni għat-talba ta' *reserved parking* fi Triq Norfolk bir-referenza 141 ma' ġietx milqugħa mil-kunsilliera preżenti.

3.25 Talba minn *Sliema Aquatic Sports Club* għall-għajnuna għall-attivita internazzjonali *swim meet* fix-xahar ta' April. Il-kunsill qabel li għandu joffri l-għajnuna bħas-sena ta' qabel.

3.26 Il-kunsill qabel li għandu jipparteċipa fil-wirja annwali '*The Great Spring Show*' organizzata mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura li tiswa madwar Euro 28.

3.27 Talba mill-iskola ta' St Francis għall-għajnuna finanzjarja għall-proġett Eko Skola. Il-kunsill qabel li jagħti s-somma ta' Euro 116. Il-kunsill qabel ukoll li jekk jiġi avviċinat minn skola oħra f'Tas-Sliema għall-istess proġett, jagħti l-istess ammont mingħajr ma jkollha għalfejn titressaq kunsill.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta fis-6.14pm*

3.28 Is-segretarju eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsiliera memo 10/2009 rigward Premju Eden 2009. Il-kunsilliera M. Azzopardi ingħatat kopja ta' din il-memo u se tieħu ħsieb li timliha għan-nom tal-kunsill.

3.29 Talba mis-Soċjeta Filarmonka Sacro Cuor sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq San Trofimu quddiem il-każin. Il-kunsill qal li t-talba għandha ssir bil-miktub u f'każ li ssir, ma titpoġġiex quddiem residenza ta' xi ħadd minħabba l-ilmenti li jkollna dwar l-istorbju li jagħmlu s-*sleeping policeman*.

3.30 Korrispondenza mil-kunsillier J. Galea dwar is-servizz tal-WI-FI fi Ġnien Indipendenza. Kien hemm 3 proposti. Il-kunsill bi qbil unanimu għażel il-proposta li jħallas Euro 75 fix-xahar mingħajr riklami minn terzi persuni. Din għandħa tiġi ppublikata fil-magazin u tinħareġ stqarrija għall-istampa.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Minħabba d-domanda qawwija li kellna, l-kunsilliera M. Aquilina talbet biex jitkomplu l-korsijiet tal-*beading* kif ukoll dwar in-nutrizzjoni. Il-kunsill qabel ma dan u għandu jġib avviż fil-magazin li jmiss.

*Daħal lura l-kunsillier N. Dimech fis-6.15pm*

4.2 Il-kunsill qabel li għandu jitwaħħal *gate* fejn it-taraġ li kien jagħti għax-Chalet.

4.3 Il-kunsillier L. Vella qal li kellu xi suġġeriment li fi Pjazza Annunzjata jitressqu xi postijiet. Is-sindku M. Arrigo qalet li din hija sitwazzjoni delikata ħafna u ma nistgħux naqbdu nressqu kif inhuma l-permessi għax wieħed jaffettwa lil ieħor, u ma nistgħux nakkomodaw lil wieħed u niskomodaw lil ieħor. Is-sindku żiedet tgħid li l-anqas ma' l-kunsill jista jaffettwa lir-residenti. Il-kunsillier L. Vella għandu jara jerġax ikollu ilmenti għax jista jkun li dawn kellhom kwistjoni ta' darba biss.

4.4 Il-kunsillier J. Galea qal li ra statistika dwar kemm qiegħda tiġi aċċessata l-website tal-kunsill u żied jgħid li qegħdin jidħlu ħafna iżjed nies anke turisti u jagħmlu użu minnha għal informazzjoni dwar ristoranti, lukandi eċċ. Il-kunsillier J. Galea ippropona li l-kunsill għandu japplika għal *bye-laws* ta' riklamar fil-*website*. Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu ma' din il-proposta.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta fis-6.30pm*

4.5 Il-kunsillier J. Galea ippropona li jkollna sistema ta' *customer care* li tkun abbinata

mal-*website* tal-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv spjega li dan l-aħħar l-uffiċjali tal-*customer care* marru għal kors dwar sistema ġdida organizzata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-kunsill qabel li għandu jistenna din is-sistema ġdida sabiex jara tiffunzjonax biex ma nagħmlux spejjeż għal xejn.

*Daħal lura fis-seduta l-kunsillier N. Dimech fis-6.40pm*

4.6 Il-kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-Korporazzjoni ta' l-Enemalta għall-permess biex jitwaħħlu spikes għal kontra l-ħamiem, mal-*poles* tagħhom.

4.7 Il-kunsillier J. Galea ippropona li l-kunsill għandu jorganizza korsijiet tat-tafal għat-tfal. Il-kunsilliera M. Aquilina u L. Vella għandhom jiddiskutu dan fis-sotto kumitat tal-kultura, edukazzjoni.

4.8 Il-kunsillier M. Briguglio rrimarka dwar it-*tower crane* ta' Polidano Bros li hemm fi Triq San Pawl. Dan qiegħed ikun ta' inkonvenjent kbir lir-residenti minħabba li mhux qegħdin jaħdmu, l-area qegħda tintuża bħala *dumping site*, il-makkinarju qiegħed jagħmel xi storbju meta jkun ir-riħ eċċ. Il-kunsilliera preżenti unanimament qablu li għandhom jiktbu ittra legali lill-Polidano Bros fuq dan il-każ.

4.9 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka li l-*iscaffolding* li jinsab fi Triq il-Kbira fejn il-knisja ta' Stella Maris huwa armat b'mod perikoluż u ma għandux aċċess għal *puschairs*. Is-sindku M. Arrigo qalet li l-kunsill joħroġ il-permess bil-kundizzjoni li jridu jħallu aċċess.

4.10 Il-kunsilliera M. Aquilina rrimarkat dwar il-periklu li hemm fuq il-pont il-Kulleġġ l-Antik u t-taraġ li jagħti għal Triq Manwel Dimech. Is-segretarju eżekuttiv spjega l-azzjoni li l-kunsill kien diġa ħa billi għamel diversi rapporti mal-pulizija u ġie infurmat li l-pulizija se jieħdu azzjoni kontra min għamel il-ħsara. Is-segretarju eżekuttiv qal ukoll li l-pulizija għamlu rapport bil-perit tal-gvern dwar is-sitwazzjoni tal-pont liema rapport għadu ma wasalx il-kunsill. Il-kunsill qabel mas-suġġeriment tal-kunsillier M. Briguglio li għandu jistaqsi lill-Awtorita Dwar it-Trasport dwar l-istruttura tal-pont. Sadanittant il-kunsillier L. Vella staqsa min se jkun responsabbli f'dan l-istadju jekk hux il-pulizija, l-ADT jew il-kunsill. F'dan il-każ il-kunsill qabel li għandu jistaqsi parir ta' l-avukat.

4.11 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka li l-Galaxy għandhom tip ta' *hoarding* li jagħti għal fuq il-bankina. Is-sindku qalet li l-MEPA qalet lill-kuntrattur biex jagħmel din il-protezzjoni. Il-kuntrattur jaf li jrid jagħmel il-ħlas u suppost għandu jagħmel dan.

4.12 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa kif bqajna dwar il-proġett tas-*Sliema Playing Fields* li kellna nagħmlu taħt it-Torri. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-perit tal-kunsill kien qal li minħabba l-problema ta' l-ilma l-kunsill ma jaqbillux li jieħu r-riskju għaliex jekk inwaħħlu xi *equipment* u *netting* li nkunu rridu ntaqbu s-saqaf din tista taqa taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill. Il-kunsillera preżenti unanimament qablu li l-kunsill għandu japplika għall-proċess ta' devoluzzjoni u jekk jinħareġ il-permess nagħmlu *embellishment* żgħir.

4.13 Il-kunsilliera M. A. Azzopardi qalet li għandna niktbu lil ELC biex isaqqu iżjed u jbiddlu l-pots il-maħruqin li hemm fi Triq Dingli u jaraw dawk li għandhom bżonn iz-zkuk biex ma jegħlbux, minħabba r-riħ.

4.14 Il-kunsill qabel mas-suġġeriment tas-sindku M. Arrigo li l-kunsill iwaħħal *cigarette pots* fil-pjanti.

4.15 Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġibdet l-attenzjoni dwar l-attitudni ta' l-istudenti li jiġu fis-Sajf. Is-sindku M. Arrigo qalet li l-kunsill diġa kellu komunikazzjoni diffiċli kemm mal-Feltom kif ukoll ma' waħda mill-iskejjel.

4.16 Il-kunsilliera M. A. Azzopardi qalet li qiegħed ikun hemm truck tal-gass enormi fi Triq Manwel Dimech, biex forsi nkunu nistgħu ngħidu lill-Enemalta biex jibgħatu truck żgħir għal ċertu toroq f'Tas-Sliema. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-problema hi li dawn ma jaqgħux taħt l-Enemalta għax huma *self-employed.*

4.17 Is-Sindku M. Arrigo infurmat li l-Union Club talbu għal *bollard* quddiem il-garaxx tagħhom. Il-kunsill qabel li jekk dawn iġibu l-permess mill-ADT il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

4.18 Is-sindku M. Arrigo infurmat li l-kuntrattur Tal-Ħerba li se jaħdem għal tal-Galaxy ġie l-uffiċċju tal-kunsill. Il-kunsill qallu bil-kundizzjonijiet li jrid jaħdem bħall-kuntratturi oħra li jiġi għall-permessi b'mod regolari, nhux fil-Ħdud u festi pubbliċi. Apparti l-fatt li ġew infurmati li l-kunsill irid jieħu in kunsiderazzjoni għall-fatt li hemm skejjel fil-viċinanza u l-funerali li jinqalgħu fil-Parroċċa ta' San Girgor. Dawn min-naħa l-oħra talbu li jerġgħu jkollhom it-tabelli biex ma jipparkjawlhomx il-karrozzi din id-darba fi triq Depiro. Il-kunsill ma' qabilx ma din it-talba minħabba li l-aħħar darba dawn ma żammewx mat-tabelli u bdew jagħlqu t-toroq xorta waħda mingħajr permess. Il-kunsill qabel li dawn għandhom jaħdmu bħal ħaddieħor, filwaqt li reġa nġibed l-attenzjoni biex ninfurmawhom biex jibdew jaħdmu wara s-7am u mhux qabel. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill ukoll li l-kunsill kiteb lill-MEPA fejn staqsa kif għall-proġett bħal dan il-proġett ħareġ bla *swill room.*

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Il-kunsiller M. Briguglio ppropona l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10098 sa 10163. Il-kunsillier L. Vella ssekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. A. Azzopardi, N. Dimech u J. Galea approvaw il-pagamenti b'mod unanimu.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7pm*

Is-seduta ġiet sospiża għal ftit sakemm l-accountant tal-kunsill Christian Vella spjega s-sitwazzjoni finanzjarja skont il-*quarterly report* kif ukoll il-budget.

**6. Approvazzjoni tal-Budget**

L-*accountant* irrefera għad-dokumenti tal-*budget* li kienu tqassmu lill-kunsilliera ma' l-agenda u l-minuti ta' din l-istess laqgħa.

Il-kunsill ġie infurmat li l-*budget* sar b'mod konxju u bilanċjat speċjalment meta kkalkulha d-dħul min-naħa tal-permessi tal-krejnijiet. Fost affarijiet oħra ġie spjegat li fl-allokazzjoni finanzjara tal-Gvern kien hemm żieda pero li ġiet allokata għall-ispejjeż dwar l-iskart. Filfatt fil-*budget* tal-kunsill kien hemm diġa ammont żejjed allokat għal ġbir ta' skart minħabba li kull sena dejjem ikun hemm talba għal żieda minħabba l-għola tad-diesel. Ġie imfakkar ukoll li peress din id-darba l-MTA mhux se jkunu f'pożizzjoni li jirrifondu l-flus għal ħasil żejjed tal-*promenade* u tindif fix-xhur tas-sajf, ma setax jiġi allokat flus għal dan is-servizz. L-*accountant* irrefera ukoll għall-applikazzjoni li s-segretarju eżekuttiv kien bagħat lid-Dipartiment dwar is-*solar energy*, u jekk il-kunsill jibbenifka minnha jkun tant l-aħjar. Sadanittant xorta se jkun qiegħed jibbenifika eventwalment mill-kont.

Is-Sindku M. Arrigo ipproponiet, il-kunsillier N. Dimech issekonda li jiġi approvat il-*budget* 2009-2010. Il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, J. Galea u L. Vella qablu b'mod unanimu.

**7. Approvazzjoni tal-*Quarterly report* u *Financial Indicator Report* (Ottubru – Diċembru 2008)**

L-*accountant* irrefera għad-dokumenti tal-*quarterly report* u *Financial Indicator* li kienu tqassmu lill-kunsilliera ma' l-agenda u l-minuti ta' din l-istess laqgħa.

L-*accountant* tal-kunsill spjega kif is-sitwazzjoni finanzjarja tinsab waħda pożittiva għalkemm mistenni li jinżel xi ftit minħabba xi proġetti li se jitwettqu. Qal ukoll li din id-darba ggwadanjajna ammont ta' flus taċ-ċitazzjonijiet aktar milli stennejna mill-kumitat tal-Infurzar tal-Liġi.

Fuq dan il-punt is-Sindku M. Arrigo talbet l-*accountant* biex jiċċara li l-*accounts* tal-kunsill huma ċari, għaliex kien hemm insinwazzjonijiet minn kuntrattur partikolari Ray Cachia li kien jagħmel xogħol għal kunsill stess, fejn qal li l-flus tal-kunsill mhux qegħdin jiġu amminstratti b'mod xieraq. Fil-fatt deher li dan kien attakk personali u s-sindku infurmat l-avukat tal-kunsill b'dan fejn dan l-istess kuntrattur ġie mibgħut ittra legali. L-*accountant* reġa qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill hija waħda pożittiva fejn irrefera għal paġna 10 tar-rapport fejn qal li qiegħed jirreferi għal *cash equivalant* bil-fatti. Il-kunsillier L. Vella qal li jekk hemm bżonn dan il-kuntrattur jitneħħa mil-kunsill. Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li hi ma kellhiex dubju minn dak li għadu kif qal l-*accountant.* Ta' min jinnota wkoll li l-*accounts* tal-kunsill jiġu pubblikati fil-website kif ukoll fil-magazin tal-kunsill la darba jiġu awditjati.

Is-sindku M. Arrigo infurmat lill-kunsilliera preżenti dwar l-ammont li qiegħed jinġabar għall-ħlasijiet tal-krejnijiet mil-kuntratturi fejn kellmu lill-avukat anke fuq is-suġġeriment tal-barriers li kien ta' il-kunsillier L. Vella fl-aħħar seduta. L-avukat qal li din ma tapplikax. Is-Sindku M. Arrigo qalet li din ir-raġuni tal-kostruzzjoni estensiva f'Tas-Sliema, kienet tkellimtha fil-laqgħa li kellna dwar ir-riforma tal-kunsilli lokali. Il-kunsill qabel li għandu jibqa għaddej kif inhu bħalissa sakemm issir din ir-riforma ġdida mbagħad il-kunsill jimxi fuq il-liġijiet il-ġodda.

Is-Sindku M. Arrigo pproponiet, il-kunsillier N. Dimech issekonda li jiġi approvat il-*quarterly report* u *Financial Situation Indicator* Ottubru-Diċembru 2008. Il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, M. Briguglio, J. Galea u L. Vella qablu b'mod unanimu.

**8. Aġġudikazzjoni tat-*tender* – *Maintenance of works***

Waqt is-seduta tqassmet l-analiżi tal-prezzijiet li iżjed jintużaw mix-xogħlijiet tal-manutenzjoni. Dawk li tefgħu t-tender kienu:

G+P Borg, Tony Aquilina Ltd, Polidano Bros u Schembri Infrastructure.

Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li t-tender għandha tingħata lil Tony Aquilina Ltd fuq bażi li ~~huwa persuna~~ li tista tafda, esperjenza pożittiva dwar xogħol li diġa kellna miegħu kif ukoll għax ma jinvolvix *sub contractors.* Il-kunsillier L. Vella issekondah. Is-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera preżenti M. Aquilina, N. Dimech u J. Galea ivvotaw favur. Proposta għaddiet b'mod unanimu.

**9. Analiżi u aġġudikazzjoni tat-*tender* – *EU Funding Services***

Din l-item ġiet posposta għas-seduta li jmiss.

**10. Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm ebda affarijiet oħra.

Is-seduta ntemmet fis-7.45pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 22 ta' April, 2009 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**